MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI

# (GHAWDEX)

# (GURISDIZZJONI SUPERJURI)

# (SEZZJONI GENERALI)

## MAGISTRAT

## JOANNE VELLA CUSCHIERI

Seduta tat-13 ta' Marzu, 2015

Mandat Numru. 10/2015

**Mary Cassar et.**

**Kontra**

**Dr Samuel Azzopardi noe et.**

**Illum 13 ta' Marzu, 2015**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors datat 25 ta' Frar, 2015 fejn ir-rikorrenti talbu li din il-Qorti zzomm lill-Kunsill intimat milli 'jimplimenta u jaghti effett lid-decizjoni tieghu illi jitrasferixxi lill-*fixed hawkers* li jarmaw mit-Tnejn sas-Sibt fit-Tokk/Pjazza Indipendenza, Victoria, Ghawdex ghal Pjazza Savina, ukoll fir-Rabat Ghawdex, sabiex b'hekk ikunu jistghu jibqghu jezercitaw id-dritt taghhom illi jarmaw fit-Tokk/Pjazza Indipendenza kif ilhom jaghmlu ghal ghexieren ta' snin skond il-permessi u licenzji taghhom lilhom mahruga mill-awtoritajiet kompetenti' u dan ghar-ragunijiet esposti fl-istess rikors;

Rat id-dokumenti kollha esebiti mal-istess rikors;

Rat id-digriet taghha tal-25 ta' Frar 2015 fejn laqghat il-mandat provizorjament u appuntat il-mandat ghas-smiegh ghall-11 ta' Marzu 2015;

Rat ir-risposta tal-Kunsill intimat datata 4 ta' Marzu 2015 fejn ghar-ragunijiet esposti fl-istess risposta u stante li skond l-istess Kunsill l-elementi rikjesti mill-ligi ghall-hrug ta' mandat ta' inibizzjoni ma jezistux u ghaliex ma jissussistix il-pregudizzju irrimedjabbli talab li din il-Qorti tichad il-mandat;

Rat id-dokumenti kollha esebiti mar-risposta;

Semghet ix-xhieda ta' Mark Rapa in rapprezentanza tad-Dipartiment tal-Kummerc u x-xhieda ta' Antonella Vella;

Rat il-kopji tal-licenzji esebiti mir-rikorrenti bhala dokumenti VC 1 sa VC 24 kif ukoll id-dokumenti MR 1 u MR 2;

Rat l-avvizi legali esebiti fl-atti mill-Kunsill intimat;

Semghet is-sottomissjonijiet tal-konsulenti legali tal-partijiet fis-seduta tal-11 ta' Marzu, 2015;

**Ikkunsidrat:**

Illi l-elementi rikjest mill-ligi sabiex jigi sodisfatt mandat ta' inibizzjoni huma[1]:

(a) Illi jkun jidher 'prima facie' li min jitlob il-hrug tal-mandat ghandu d-dritt li jimpedixxi li ssir xi haga li biha jista' jirrekalu hsara jew molestja;

(b) Id-dritt huwa neccessarju biex jigi konservat id-dritt tar-rikorrenti, u mhux semplicement biex jigu evitati danni, li jistghu dejjem jigu kwantifikati u rimedjati b'azzjoni *ad hoc.*

Dawn il-kundizzjonijiet huma kumulattivi u l-inezistenza ta' wahda ggib maggha l-konsegwenza tac-cahda tat-talba ghall-mandat ta' inibizzjoni.

Illi applikati dawn il-principji ghall-fatti odjerni jirrizulta li ghal numru konsiderevoli ta' snin ir-rikorrenti dejjem armaw fil-Pjazza tat-Tokk fir-Rabat, Ghawdex u l-licenzji taghhom baqghu dejjem jigu mgedda specikatament ghal din il-pjazza. Jirrizulta li ghal dak li ghandu x'jaqsam tigdid tal-licenzji dawn jaqaw fil-kompetenza tad-Dipartiment tal-Kummerc filwaqt li l-post fejn ghandhom jarmaw l-istess bejjiegha tal-Monti jaqa fil-kompetenza tal-Kunsill tal-post in kwistjoni f'dan il-kaz il-Kunsill tar-Rabat, Ghawdex cioe' l-Kunsill intimat.

Jirrizulta li ghalkemm ir-rikorrenti esebew licenzji li kollha jidhru li skadew f'Dicembru, 2014 u li fuqhom tidher b'mod car indikata l-pjazza tat-Tokk, skond l-istess rikorrenti kif ukoll ikkonfermat mix-xhud rapprezentant tad-Dipartiment tal-Kummerc, hija procedura normali fil-Gzejjer Maltin li t-tigdid tal-licenzji ma ssirx b'mod immedjat mal-bidu tas-sena l-gdida, anzi skond l-istess rapprezentant tad-Dipartiment ghall-ewwel gimghat tas-sena s-sistema lanqas thallik taghmel dan, izda t-tigdid isir billi d-Dipartiment jibghat ittra lill-persuna koncernata sabiex din tmur thallas it-tigdid. Ix-xhuda ikkonferma li sal-mument li huwa kien qed jixhed dawn l-ittri ma kienux intbaghtu lir-rikorrenti. Jirrizulta ghalhekk li certament mhux nuqqas da parti tar-rikorrenti li sad-data li gie prezentat il-mandat ta' inibizzjoni huma ma kienux fil-pussess tal-licenzja tas-sena 2015. Skond l-istess rapprezentat tad-Dipartiment huwa kkonferma li l-fatt li l-licenzji ghadhom mhux mgedda ma jfissirx li r-rikorrenti ma ghandhomx licenzja valida ghaliex kieku jfisser li l-kummercjanti kollha fil-Gzejjer Maltin huma bla licenzja ghaliex is-sistema hija l-istess ghall-kulhadd. Fil-fatt meta eventwalment il-licenzji jigu mgedda dawn jinhargu b'lura ghal Jannar ta' dik is-sena.

---

[1] Ara Id-Direttur tal-Kuntratti et vs George Xuereb (14/06/1995) u Angelo Xuereb noe vs. Marin Hili (22/09/1995)

Minn naha l-ohra l-Kunsill intimat sostna li ai termini tal-Avviz Legali 1 tas-sena 2006 li kopja tieghu giet esebita fl-atti l-Kunsill intimat ghandu kull dritt jirriloka r-rikorrenti mill-Pjazza tat-Tokk ghall Pjazza Savina (jew Sabina) ghaliex fil-fatt dan huwa permess lilu ai termini tal-istess regolament li jindika z-zewg pjazzez. Il-Qorti izda ssostni li bl-istess argument u a bazi tal-istess Avviz Legali l-bejjiegha tal-monti rikorrenti sal-lum ghandhom id-dritt sancit fil-ligi li jarmaw fiz-zewg pjazzez u mhux wahda biss. Ir-rikorrenti wkoll jilmentaw mill-fatt li qabel ma ttiehdet id-decizjoni mill-Kunsill intimat sabiex huma jigu rilokati fi Pjazza Savina huma ma gew bl-ebda mod ikkonsultati. Il-Kunsill intimat ma cahadx dan kollu.

Minn dak suespost, il-Qorti tqis li r-rikorrenti pruvaw id-dritt taghhom ‘prima facie’ li jarmaw fil-Pjazza Tokk. Izda dan l-element wahdu mhux bizzejjed sabiex jintlaqa l-mandat mitlub.

Illi fir-rigward ta’ pregudizzju r-rikorrenti jsostnu li apparti d-danni li huma jistghu isofru f’kaz li jkollhom jarmaw fi Pjazza Savina, li skond huma mihiex daqshekk centrali daqs Pjazza Tokk u ghalhekk dan jista’ jnaqqas il-bejgh potenzjali taghhom, jargumentaw ukoll li Pjazza Savina hija izghar minn Pjazza Tokk u li ser ikun difficli hafna ghalihom li jarmaw u jzarmaw l-bankarelli taghhom permezz tal-vannijiet. Huma jsostnu li hemm erbghin permess jew licenzja u zgur li Pjazza Savina ma tippermettix li fil-hin li jkollhom biex jarmaw u jzarmaw li huma jlahhqu biex jaghmlu dan permezz tal-vannijiet taghhom. Il-Kunsill intimat jichad dan kollu u jsostni li r-rilokazzjoni ma hi ser taghmel l-ebda differenza ghar-rikorrenti ghaliex Pjazza Savina hija biss 20 pass il-boghod minn Pjazza Tokk u ghaliex l-ispazju allokat ghall-bankarelli huwa l-istess bhal mar-rikorrenti ghandhom fi Pjazza Tokk. Dwar il-kwistjoni tal-vannijiet fl-opinjoni ta’ din il-Qorti l-argumenti tal-Kunsill ma deherux daqshekk konvincenti.

Ir-rikorrenti emfasizzaw li l-agir tal-Kunsill ser jaffetttwa mill-anqas l-ghixien ta’ erbghin familja. F’dan l-istadju ta’ mandat ta’ inibizzjoni din il-Qorti ma tqisx li l-pregudizzju li jista’ jigi soffert mir-rikorrenti jillimita ruhu biss ghal danni finanzjarji anzi s-semplici fatt li huma ma gewx ikkonsultati qabel ma ttiehdet decizjoni ta’ entita tali li primarjament tvarjalhom kompletament il-kundizzjonijiet tal-licenzji taghhom li huma gawdew ghal numru konsiderevoli ta’ snin tikkonsisti fi pregudizzju ghar-rikorrenti li ma jistax jigi kwantifikat bhala danni izda jikkonsisti f’lezjoni ta’ diversi drittijiet tar-rikorrenti u dawn jisthoqqilhom jigu ccarati qabel ma tigi mplimentata, jekk ghandha tigi mplimentata, d-decizjoni tal-Kunsill. Il-Qorti f’dan l-istadju tikkwota lill-Onorabbli Prim’Awla tal-Qorti Civili li fil-kawza fl-ismijiet Alan Debattista vs. Stephen Antoine Buhagiar et datata 16 ta’ Lulju 2007 (kif anki abbilment ikkwotata mid-difensur tar-rikorrenti) li ddikajrat kif isegwi:

‘Ma jistax ikun li fiz-zminijiet tal-lum li d-decizjonijiet jittiehdu bil-mod kif ittiehdu u ghalhekk hu obbligu tal-Qorti li tordna l-hrug ta’ Mandat ta’ Inibizzjoni’.

Il-Qorti ghalhekk hija tal-fehema li r-rikorrenti rnexxielhom ukoll jipruvaw il-pregudizzju rikjest mill-ligi sabiex jigi milqugh dan il-mandat. B'hekk jirrizulta li huma sodisfatti z-zewg elementi tal-mandat ta' inibizzjoni.

**Decizjoni**

Ghaldaqstant in vista tas-suespost, il-Qorti tilqa' t-talba tar-rikorrenti u tinibixxi lill-Kunsill intimat milli jimplimenta u jaghti effett lid-decizjoni tieghu illi jitrasferixxi lill-*fixed hawkers* li jarmaw mit-Tnejn sas-Sibt fit-Tokk/Pjazza Indipendenza, Victoria, Ghawdex ghall-Pjazza Savina (jew Sabina), ukoll fir-Rabat Ghawdex.

Bl-ispejjez kontra l-Kunsill intimat.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------